BIRGU

Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

# Minuti tal-laqgħa 39 (06) - kontinwazzjoni

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal kontinwazzjoni tal- laqgħa numru 39 (06) nhar il-Ħamis 2 ta' Ottubru, 2014 fil-4.30 (fl-erbgħa u nofs) ta' wara nofsinhar fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

Il-Kontinwazzjoni tad-Disgħa u Tletin (39) Laqgħa tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Korrispondenza
2. Progetti tal-Unjoni Ewropeja
3. Manutenzjoni fil-Berga ta' Franza
4. Hwejjeg Ohra

**Prezenti**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard.

Il-Kunsillier s-Sur Trevor Mizzi attenda fil-5.30pm

Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar kien skuzat.

Is-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

**Talba**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-kontinwazzjoni tal-laqgħa 39(06).

**Bidu tal-Laqgħa**

1. Korrispondenza

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni li ser tintbaghat lill-Bank of Valletta dwar Internet Banking (24x7). Il-Kunsill approva unanimament.

1.2 Is-Sindku S-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li ntbaghtet il-proposta ghall-progett *Europroject Lab*.

1.3 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill is-Subsistance Allowance allokat ghall-Konferenza f'Cisternino li ghaliha ser jattendu s-Sindku s-Sur John Boxal, il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, u s-Sinjura Moira Azzopardi. Il-Kunsill approva.

1.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand il-Floriana Basketball Club dwar proposta sabiex il-Kunsill ihallas it-trasport ta' 5 t'itfal mill-Birgu sabiex imorru ghat-tahrig fl-iskola Higher Secondary, Naxxar fejn ser jibda jsir it-tahrig tal-Basketball fil-perjodu tax-xitwa. Il-Kunsill wara diskussjoni iddecieda li din il-proposta kien ferm difficli biex tigi milqugha u gie ssugerit biex il-genituri ta' dawn il-hames t'itfal jolternaw bejniethom biex dawn it-tfal jibdew jitwasslu fid-destinazzjoni fejn ser ikun it-tahrig.

1.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand il-Perit Joseph Zerafa Boffa fejn infurmana dwar l-istima li tammonta €310,000 sabiex jerga jinbena it-Torri ta' l-Arlogg fil-Pjazza ta' din il-Belt.

1.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand is-Sur Claude Zammit Trevisan fejn informa lill-Kunsill li hemm il-possibilita li jkomplu ix-xoghlijiet fuq il-faccata tal-Berga ta' Franza.

1.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza sabiex isir riceviment fis-sala ta' fuq tal-Berga ta' Franza. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li attivitajiet ta' parties m'ghandhomx isiru f'din is-sala u dan minhabba l-valur taghha. Is-Sindku s-Sur John Boxall ppropona ukoll li jsiru sett ta' regolamenti dwar l-uzu ta' din is-Sala f'kaz li ssir xi attivita. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li tinghata donazzjoni xierqa ta' mhux anqas minn €400 u dawn biex ikunu qed ikopru l-ispejjez ta' l-istess Kunsill li jkunu relatati ma l-attivita koncernata. Dwar dan kien hemm qbil uananimu.

1.8 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar ir-raba' Centinarju tal-Papa Innocentius XII fit-13 ta' marzu 2015 fejn ser jigu organizzati celebrazzjonijiet f'gheluq dan l-Anniversarju. Il-Kunsill qabel li ghandu juri interess li jippartecipa f'dawn ic-celebrazzjonijiet.

**F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi**

1.9 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza li ntbaghtet lid-Dipartiment tal-Kunsill sabiex il-permess ghall-skrivan ma jinghatax back-to-back izda jinghata l-premess permanenti ghall-skrivan/a iehor/ohra fuq bazi part-time. Mid-Dipartiment gejna nfurmati li din it-talba ser tibqa pendenti u dan minhabba li l-ammont ta' mpjiegi godda fis-settur pubbliku zdied hafna u fil-prezent ghandhom direttiva li l-permessi jinzammu pendenti.

1.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrisponnza dwar il-multa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien se jehel u dan minhabba dewmien sabiex tigi provduta l-lista tal-Kreditur. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li wara spjegazzjoni ghal din l-azzjoni ingusta, din il-multa giet revokata.

1.11 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill Enforcement notice mahruga lill-Cafe Du Brazil fejn turi li m'ghandux permessi ghall-imwejjed u siggijiet. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li ghalissa jibqa kollox kif inhu u jitnehhew biss l-imwejjed tat-truf minhabba l-periklu li jistghu jikkawzaw. Is-Sindku qal ukoll li il-Kunsill m'ghandux jaghti l-permess sabiex tikber l-area tal-imwejjed u ssir tinda fuq barra. Dwar dan il-Kunsill qabel. Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa ukoll li tal-hwienet ghandhom jarmu z-zibel huma u kull hanut ikollu skip fuq il-parti ta' gewwa tal-hanut.

1.12 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand Marco Parascandalo dwar fashion show li qed jintalab biex jittella' fi-Sala ta' Fuq tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza. Rigward dawn l-applikazzjonijiet il-Kunsill qabel li kull kaz ghandu jittiehed fuq il-mertu tieghu u f'dan il-kaz ghandu jinghata permess u mill-organizzatur ghandha tinghata donazzjoni xierqa ta' €200.

1.13 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza li ntbaghtet lis-Sur Michael Cohen dwar ix-xoghlijiet li kellhom isiru b'mod urgenti fil-kantina tal-Berga ta' Franza u dan minhabba periklu li jinsabu fihom partijiet mill-hitan u soqfa fejn diga ceda saqaf minnhom.

1.14 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand il-Muzew tal-Gwerra fejn infurmaw lill-Kunsill li dan il-Muzew inghata rikonoxximent minn Trip Advisor.

1.15 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand Wasteserv dwar il—partecipazzjoni tal-Kunsill fil-European Week for Waste Reduction. Is-Sindku s-Sur John Boxall talab lill-Kunsilliera biiex iressqu s-suggerimenti taghhom sal-31 ta' Ottubru 2014.

1.16 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar l-approvazzjoni mill-awtoritajiet koncernati li inghata lill-Sapore del Sud sabiex jinqaleb il-parkegg min-naha ghall-ohra tat-triq.

1.17 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar ghall-estensjoni ta' gurnata ohra ghas-Suq tal-Bdiewa. Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa li ssir l-Erbgha filghaxija. Dwar dan il-Kunsill qabel.

1.18 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar sistema minghand il-Lornit Ltd ghar-registrar ta' ilmenti. Il-Kunsill qabel fil-principju li tinxtara din is-sistema.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha, il-Kunsillier Anton Gellel talab li jkun skuzat.*

1.19 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza li ntbaghtet lir-Rotary Club ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex isir l-istair Lift f'Couvre Porte fejn illum hemm il-Librerija

2. Progetti tal-Unjoni Ewropeja

2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall tkellem dwar il-progett Zoom fejn spjega li hu simili tal-progett Oralities u ser ikun maqsum fuq tliet snin. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa li il-Kunsill wera interess li jippartecipa.

2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa li l-Kunsill wera interess ukoll fil-progett Tangible Cities u Lead Partner ghal dan il-progett ser ikunu l-Portugal.

2.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa ukoll li il-Kunsill wera ukoll l-interess li jippartecipa fil-Progett Tangible Cities, fil-Progett Creative Europe kif ukoll il-Progett 'Aeroplane' tal-Erasmus +.

2.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall sostna li minn dan l-istadju l-iskrivana li qed tiehu hsieb dawn il-progetti tal-Unjni Ewrpeja ghandha tkun prezenti fil-Laqgha tal-Kunsill sabiex tfiehem kull zvilupp u tinforma lill-membri kollha prezenti fil-kamra, l-izviluppi u l-andament tal-progetti kollha tal-Unjoni Ewropeja.

3. Manutenzjoni fil-Berga ta' Franza

3.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn informa lill-Kunsill li hemm talba ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex ikomplu jsiru l-manutenzjonijiet fil-Berga ta' Franza.

3.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li bhalissa ghaddejjin ix-xoghlijiet fil-parti tal-bitha tal-Berga fejn dawn ix-xoghlijiet kellhom isir b'urgenza minhabba l-periklu li kien hemm u dawn l-ispejjez ser ikunu ukoll parti mill-ispiza ghall-manutenzjoni ta' l-istess Berga.

4. Hwejjeg ohra

4.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill- Kunsill li ser ikunu qed isiru l-kuntatti mal-Kunsill ta' St.Tropez sabiex tigi organizzata l-vizita ta-delegazzjoni immexxija mis-Sindku ta' din il-lokalita' matul il-granet tal-Birgufest 2014.

Il-laqgha spiccat fis-6.15 ta' filghaxija.

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku